# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 32

Data tal-laqgħa: 25 ta' Marzu, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu 2021 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**32/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**32/01/01** Ma kienx hemm.

**32/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgħa Numru 31**

**32/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**32/02/02** **Para 31/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li sar kuntatt ma' Sur Ramon Deguara (Cleansing and Maintenance Division), fuq ix-xogħol ta' tisbiħ fuq il-latrina pubblika qed jiċċekkjalna u qalilna li l-bankijiet għadhom mhumiex lesti.

**32/02/03** **Para 31/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-toqob għal *bollards* saru u ordnajna t-tabelli.

**32/02/04** **Para 31/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Dr Clifton Grima ma kellimniex lura rigward il-ground ta' Xwieki.

**32/02/05** **Para 31/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt ma' Sa. Catherine Fenech mill-Awtorità tal-Artijiet biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**32/02/06** **Para 31/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward biex inkunu nistgħu inġibu fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna qed noqorbu.

**32/02/07** **Para 31/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadha mitfija. Is-Sindku qalet li din il-ġimgħa kellha laqgħa mal-Ministru Dr Miriam Dalli rigward din il-bozza u li

l-Ministru qalet li ħa tipprova tgħinna pero sa issa għadha qed tistenna risposta. Is-SE qalet li l-għażla l-oħra hi li ssir trinka imma din tiġi tiswa madwar €3500 + VAT. Is-Sindku qalet li ħa nonfqu ħafna flus. Is-Sur Christopher Fenech saqsa jekk ma naslux x'ser jiġri. Is-Sur Abraham Aquilina qal li l-Kunsill ma għandux jonfoq dawn il-flus. Is-Sindku qalet li diġà għamilna żewġ arbli għal xejn. Is-Sur Fenech qal li din il-bozza ħadet fuq sena u li hemm storja twila ħafna. Is-Sur Fenech qal li hu, is-Sindku u anki SE daħlet fuqha u li saru ħafna żbalji kemm mill-kuntrattur tad-dawl kif ukoll mill-Enemalta. Is-Sindku qalet li l-Perita ma għamlitx xogħolha u s-Sur Fenech qal li l-Foreman tal-Enemalta ta l-*go ahead*. Jiġifieri ma nistgħux noqgħodu nħallu bozza ma tixgħelx. Is-Sindku qalet li ma taqbelx li nonfqu dawn il-flus. Is-Sur Fenech spjega li għandna nagħtu ċans ħalli naraw x'ser tagħmel il-Ministru Dr Miriam Dalli imma l-bqija hu jaqbel li t-trinka issir. Is-Sindku qalet li ma taqbilx li bħala Kunsill wara dan ix-xogħol kollu neħlu dawn il-flus imma minflok taqbel li għandna nibgħatu ittra bl-avukat lill-Perita u lill-Kuntrattur. Is-Sur Fenech qal li jekk ħa nagħmlu hekk ser nibqgħu sejrin biha u ma aħniex se naslu qatt. Is-Sur Fenech qal li għandna nistennew x'ser tgħidilna l-Ministru Dr Miriam Dalli u l-bqija ssir it-trinka. Is-Sindku spjegat li wieħed mill-arbli sar għalxejn, is-Sur Fenech qal li dan l-arblu għandu jinqala' u nitolbu rifużjoni. Is-Sindku qalet li mhux tort tal-Kunsill. Is-Sur Carl Grech saqsa jekk bħala Kunsill nistgħux inżommuhom responsabbli. Is-Sindku qalet li hi taqbel li għandna nixgħelu din il-bozza pero tixtieq li dawn l-flus ma joħroġhomx il-Kunsill. Is-Sur Fenech qal li ma għandniex nibqgħu intawlu u s-Sur Grech spjega li ma għandux ibati r-resident. Is-Sur Fenech qal li kemm hu kif ukoll is-Sindku u SE ħadmu ħafna. Hu qal li responsabbiltà tal-bozoz qeda taħtu u mhux sew li nies qed jgħidu kontra min għandu taħt ir-responsabbiltà tiegħu l-bozoz. Barra minn hekk, mhux ser jaċċetta li din il-kwistjoni tkompi tikber. Is-Sur Grech qal li filkas isir ix-xogħol imbagħad il-Kunsill ifittex lil min hu responsabbli. Is-Sur Abraham Aquilina qal li mbagħad diffiċli biex tiġbor il-flus lura. Is-Sur Fenech spjega kif ġraw l-affarijiet. Is-Sindku qalet li fil-laqgħa li ġejja jieħdu vot u li hi se terġa' tagħmel kuntatt mal-Ministru. Is-Sur Grech qal li jaqbel li trinka ħa tiġi tiswa ħafna imma trid issir. Is-Sindku ser tkun qed iżżomm lill-kunsilliera infurmati b'dak li jkun qed jiġri. Kemm is-Sur Fenech kif ukoll is-Sur Grech jaqblu li ssir. Is-Sindku u Sa. Marilena Hassan jaqblu li jistennew sal-laqgħa li jmiss. Is-Sur Fenech qal li jekk sa laqgħa oħra l-Ministru ma tagħtiniex risposta u jaqbel li ssir it-trinka. Is-Sur Aquilina qal li hu qatt ma daħalx fiha imma ma jaħsebx li nistgħu nonfqu dawn il-flus kollha fuq din il-bozza. Is-Sur Grech talab li niksbu żewġ stimi oħra. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill nefaq ħafna flus fuq bankini li kissru l-kuntratturi u li l-kuntrattur tad-dawl ġieli għamel bozoz f'ODZ. Is-Sur Aquilina qal li hu kien ressaq biex issir bozza ma' arblu fi Sqaq il-Qiegħed, is-SE qalet li hi staqsiet lil Enemalta u qalulha li ma tistax isir.

**32/02/08** **Para 31/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-*expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata ma smajna xejn.

**32/02/09** **Para 31/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**32/02/10** **Para 31/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li iż-żewġ CCTV Cameras għal Ġnien ta' Żagħruna għandhom jaslu bejn April u Mejju. Is-Sur Abraham Aquilina qal li issa r-Reġjun ser jieħu fondi mingħand il-LESA u li l-baġit żdied, jiġifieri l-Kunsill jista' jżid CCTV camera oħra. Is-Sur Aquilina qal li sa għada rridu ngħatu risposta fejn u jissuġġerixxi li jsiru tnejn fi Triq Għaxqet l-Għajn li jaħdmu bis-*solar panels* u waħda fil-Ġnien ta' Żagħruna li taħdem bid-dawl. Is-Sur Carl Grech jissuġġerixxi li ssir mal-ħajt fejn hemm il-kaxxa tad-dawl. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**32/02/11** **Para 31/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm għax fadal cable.

**32/02/12** **Para 31/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq iz-*zebra crossings* miexi.

**32/02/13** **Para 31/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv ġejna infurmana mill-Cleaning and Maintenance Division li ma hemmx fondi disponibbli biex jipprovdu CCTV camera għal ħdejn l-isptar tal-Ferħa.

**32/02/14** **Para 31/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Perit fuq il-*bus shelter* tal-Pjazza.

**32/02/15** **Para 31/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-toqob li talbet l-Għaqda tan-Nar saru.

**32/02/16** **Para 31/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tapplika mal-AKL għal fondi għal attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA peress li parti mit-Triq Għaxqet l-Għajn taħt is-siġar (min-naħa ta' Triq il-Ġnien) ġiet mimlija bi żrar kbir u poruż.

**32/02/17** **Para 31/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**32/02/18** **Para 31/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadha ma rċevietx il-proposta ta' kif ser jaħdem il-*Community Garden.*

**32/02/19** **Para 31/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sistema ta' permessi *online* qed taħdem tajjeb.

**32/02/20** **Para 31/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq Mons Luigi Catania għadhom ma sarux.

**32/02/21** **Para 31/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur beda jagħmel il-*parking bays* ġodda fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Mattia Preti.

**32/02/22** **Para 31/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella tal-muturi għal Triq Caravaggio għadha ma saritx.

**32/02/23** **Para 31/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta mill-Managing Authority biex permezz tal-fondi tal-EAFRD isir sqaq fi Triq Kromb il-Baħar minflok sqaq fi Triq tal-Balal.

**32/02/24** **Para 31/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat tabella 'SLOW' għal Triq l-Indipendenza.

**32/02/25** **Para 31/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li ġibna 20 *voucher* ta' Neutering għal qtates tat-triq u li ntużaw kollha.

**32/02/26** **Para 31/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tiġbor stimi biex isir *patching* f'parti mit-Triq l-Isqof Gargallo u sabiex nirranġaw parti mill-bankina.

**32/02/27** **Para 31/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit George Pullicino ċċertifika l-ħajt ta' Triq San Bartilmew.

**32/02/28** **Para 31/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se ssir petizzjoni *online* permezz tal-Google Forms fuq il-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ u se nispjegaw il-pjanijiet u s-soluzzjonijiet sabiex niġbru l-appoġġ tar-residenti dar wara li bħala Kunsill ħadna parir mingħand id-Data Protection Officer.

**32/02/29** **Para 31/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru żewġ ħnejja bil-fjuri fi Triq Mons L. Catania.

**32/02/30** **Para 31/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tiġbor stimi biex isir *culvert* fi Triq Caravaggio sabiex il-bdiewa ta' Sqaq iċ-Ċawl jiġbru l-ilma ta' triq.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**32/02/31** **Para 31/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed issir konsultazzjoni mar-residenti fuq jekk jaqblux li ssir *sleeping police* fil-kantuniera fejn ma hemmx djar fi Triq il-31 ta' Marzu.

**32/02/32** **Para 31/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-ġimgħa ser jibdew jitqassmu l-figolli u l-maskli għal anzjani. Is-Sindklu qalet li sabet tliet *sponsors* għal maskli.

**32/02/33** **Para 31/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saqsejna lis-Sur Bertu Aquilina u li Sa. Martha Gauci u tnejn li huma aċċettaw li jippreżentaw waqt Jum il-Għargħur.

**32/02/34** **Para 31/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bdejna naħdmu fuq il-fuljett 'Leħen il-Kunsill' u talbet lill-Kunsillieri biex jibdew jippreparaw l-artikli tagħhom.

**32/02/35** **Para 31/05/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ tal-parkeġġ fi Triq Katarina Sammut saru.

**32/02/36** **Para 31/05/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nhar is-Sibt hemm 'Earth Hour' u għaldaqstant bejn 08:30pm-09:30pm ser nitfu d-dawl tal-pjazza. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li nitfu d-dawl tal-ġonna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**32/02/37** **Para 31/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Perit kellu jdaħħal *minor amendment* fuq il-permess PA2413/09 sabiex Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* tiġi bl-*imprint concrete grade* C25.

**32/02/38** **Para 31/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li TM approvat *mc bay* fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa u sar.

**32/02/39** **Para 31/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żidna kaxxa ta' parkeġġ fi Triq Caravaggio.

**32/02/40** **Para 31/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħriġna *Works Order* biex il-*crash barrier* ta' ħdejn il-knisja tiġi fi Triq Għaxqet l-Għajn direzzjoni lejn Triq John Adye.

**32/02/41** **Para 31/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li TM ma approvatx li jsiru ż-żewġ *mc bays* fi Triq il-Kbira.

**32/02/42** **Para 31/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *dotted white line* ħdejn ir-*roundabout* fi Triq San Ġwann sar.

**32/02/43** **Para 31/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li siġra marida ta' Vjal ir-Repubblika k/m Triq Excelsior inqalgħet.

**32/02/44** **Para 31/05/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li TM approvat li jsir *Bus Stop* ġdid fi Triq Caravaggio k/m Triq 31 ta' Marzu.

**32/02/45** **Para 31/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna l-istimi sabiex inqaxxru ż-żebgħa tal-Bus Stop li kien hemm fi Triq San Bartilmew u fi Triq l-Oratorju.

**32/02/46** Is-Sur Abraham Aquilina qal li għandna nsaqsu lil TM jekk l-STOP ta' Triq Mons L. Catania jridx jersaq minħabba l-monument ta' San Bartilmew. Il-Kunsill qabel unanimament.

**32/02/47** **Para 31/07/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-bidu ta' April ser tinħareġ offerta għas-servizz tal-ġbir ta' skart ġoff.

**32/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**32/03/01** Is-Sindku spjegat li bgħattna ittra lir-residenti li joqogħdu fil-biċċa t'isfel ta' Triq Monsinjur Luigi Catania sabiex naraw jekk jaqblux li jitneħħew it-tabelli ta' *No Entry* fi Triq Monsinjur Luigi Catania k/m Triq l-Isqof Gargallo u r-risposti ġew tlieta favur u tlieta kontra. Is-Sindku ddikjarat kunflitt ta' interess u baqgħet barra mid-diskussjoni. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li minn dak li semgħet u minn dak li qalulha qed ikun hemm ħafna traffiku u taqbel li jitneħħew. Is-Sur Christopher Fenech qal li jaqbel li jitneħħew. Is-Sur Abraham Aquilina qal li saru bi skop tajjeb, imma peress li Triq San Bartilmew hija one-way ukoll qed jinġemgħa t-traffiku ħdejn is-supermarket ta' Triq l-Isqof Gargallo. Is-Sur Carl Grech qal li jaqbel li jitneħħew. Il-Kunsill qabel unanimament.

**32/03/02** Is-Sindku resqet li jsir *dog bin* fi Triq l-Isqof Gargallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

**2/03/03** Is-Sindku resqet li jinqata' l-ħaxix tal-isqaqien rurali. Il-Kunsill qabel unanimament.

**32/03/04** Is-Sindku qalet li sar *bollard* ħdejn il-Każin tal-PN fi Sqaq Warda. Is-Sindku resqet li jsiru żewġ *bollards* fuq in-naħa l-oħra ta' Sqaq Warda fi Triq Katerina Sammut. Il-Kunsill qabel unanimament.

**32/03/05** Is-Sindku qalet li resident qed jitlob li jsir *bollard* fi Sqaq fi Triq Ferdinand u nixtru xi qsari. Is-Sur Abraham Aquilina qal li se noħolqu problema ta' *parking*. Is-Sur Carl Grech u Sa. Marilena Hassan qalu li se noħolqu problema bejn il-ġirien. Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu ittra lir-residenti biex naraw x'inhi l-opinjoni tagħhom.

Is-Sindku talbet biex titlaq mil-laqgħa minħabba li kellha impenn ieħor. Il-ħin f'dan l-istadju kien s-6.30pm.

**32/03/06** Is-Sur Abrahama Aquilina qal li ġimgħa l-oħra kien hemm laqgħa rigward it-*tender* tal-ġbir tal-iskart u l-President ta' Reġjun qal li jekk il-Gvern se jobbligana biex inwaqqfu l-kuntratt irridu noqgħodu attenti meta niġu biex intemmu kuntratt sabiex ma nispiċċawx inħallsu xi kumpens.

**32/03/07** Is-Sur Carl Grech qal li sabitu persuna u din qed titlob li tinqala' siġra minn Vjal ir-Repubblika minħabba li qed twaqqa' ħafna boċċi u għaldaqstant wieħed jista' jiżloq. Is-Sa. Marilena Hassan staqsiet jekk tpoġġietx siġra oħra minflok is-siġra marida li nqalet minn Vjal ir-Repubblika k/m Triq Excelsior. Is-SE qalet li dik is-siġra kienet marida u ma kien hemm l-ebda obbligu li titpoġġa siġra oħra minflokha. Is-Sur Christopher Fenech qal li bħala Kunsill ħawwilna diversi siġar u li siġra li ġiet imneħħija kienet marida u ma kinitx f'post tajjeb. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li peress li din is-siġra qed twaqqa' ħafna boċċi allura hemm bżonn li l-bankina tinkines aktar ta' spiss. Is-Sur Christopher Fenech qal li jekk din is-siġra hi kbira għandna ngħidu lill-kuntrattur biex jiżborha, kif ikun hemm idur is-siġar l-oħra ta' din it-triq u jiċċekkja jekk hijiex marida. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li rridu naraw jekk hemmx siġar li qed jagħmlu l-ħsara. Is-Sur Christopher Fenech spjega li rridu noqgħodu attenti wkoll li ma jkunx hemm xi siġra u taqa' fuq xi karozza. Is-Sur Abraham Aquilina qal li jkun aħjar jekk din is-siġra ma titneħħiex imma tinżabar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**32/03/08** Is-Sa. Marilena Hassan resqet li l-bollard ta' Sqaq ir-Rużarju jersaq ftit l-isfel u inżidu parkeġġ. Is-Sur Abraham Aquilina qal li għandna niċċekkjaw jekk nistgħux inneħħu d-*double yellow line* imma ma ssirx kaxxa. Is-SE ħa tiċċekkja jekk toqgħodx karozza.

**32/03/09** Is-Sur Abraham Aquilina saqsa jekk ir-ritratti li rċevew il-Kunsilliera tal-qtugħ tal-ħaxix kinux mingħand il-Contracts Manager tal-Kunsill jew mingħand il-Kuntrattur. Is-SE spjegat li l-Foreman bagħthom.

**32/03/10** Is-Sur Christopher Fenech qal li s-Sinjura Nathalie Micallef kompliet tpinġi l-ħitan ta' Ġnien il-Paċi.

**32/03/11** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ħaddiema jiżbgħu l-arbli ta' *zebra crossings* ta' Triq San Bartilmew, Triq Stiefnu Zerafa u Triq 31 ta' Marzu bojod u suwed.

**32/03/12** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru pompa għall-ġardinara. Il-Kunsill approva l-stima mingħand Four Seasons Pet Shop għall-prezz ta' €80.00.

**32/03/13** Is-Sur Christopher Fenech ressaq sabiex il-Contracts Manager jew xi ħadd min-naħa tal-Kunsill jiċċekkja x-xogħol li qed isir minn Infrastructure Malta fi Sqaq tal-Ħofra peress li wara li jitlesta x-xogħol it-triq taqa' taħtna. Dan sabiex jekk hemm xi ħaġa ħażina jgħidilna u aħna nieħdu azzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

**32/03/14** Is-Sa. Marilena Hassan issuġġeriet li jekk ma nirċevux risposta fuq il-proposta tal-*Community Garden,* xorta waħda inħawlu xi pjanti u siġar. Barra minn hekk, qalet li taqbel mal-idea li jkun hawn *Community Garden* anki bħala edukazzjoni għat-tfal. Is-Sa. Hassan qalet li fil-Ġnien ta' Żagħruna qed ikun hemm ħafna biċċiet tas-sigaretti u s-Sur Carl Grech qal li għalhekk important li jkun hemm CCTV camera. Is-Sur Christopher Fenech qal li wieħed mill-ħaddiem tagħna jmur darbtejn inaddaf il-Ġnien ta' Żagħruna u kull ħmistax jaħsel ukoll il-bins ta' Ġnien il-Paċi. Fuq fjuri qal li nistgħu nagħmlu fjuri imma l-ġardinara tagħna tal-ELC huma *part-timers* u ma jkunux jistgħu jlaħqu. Is-Sur Abraham Aquilina qal li rridu noqgħodu attenti fl-għażla tal-pjanti. Is-Sur Carl Grech qal li pjanti jridu jkunu *low maintenance.* Is-Sa. Hassan saħqet li baqa' pjanta waħda perikoluża u trid titneħħa. Is-Sur Christopher Fenech talab lis-Sa. Hassan tieħu ritratt ta' din is-siġra ħalli min-naħa tagħna nkunu nistgħu ninfurmaw lill-ġardinara. Il-Kunsill qabel unanimament.

**32/03/15** Is-Sur Abraham Aquilina qal *zebra crossing* ta' Triq 31 ta' Marzu trid tersaq iktar 'l isfel. Il-Kunsill qabel unanimament.

**32/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**32/04/01** Ma kienx hemm.

**32/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**32/05/01** Ġiet innutata korrispondenza (Ref: 7870) minn Transport Malta fejn l-Awtorità qed tinfurmana li rċeviet applikkazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Triq San Ġwann.

**32/05/02** Ġiet innutata korrispondenza minn resident fejn qed jitlob li ssir bankina fi Triq San Ġwann ħdejn iċ-Ċimiterju peress li din hija triq ewlenija u perikoluża. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**32/05/03** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta fejn ġie spjegat li f'każ ta' emerġenza u jkun hemm is-sirena ddoqq il-vetturi tal-emerġenzi jistgħu jgħaddu minn kullimkien u ma hemmx restrizzjonijiet.

**32/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Ryan Rapa (Cleansing and Maintenance) fejn infurmana li ma hemmx fondi disponibbli biex jipprovdu CCTV camera għal ħdejn l-isptar tal-Ferħa.

**32/05/05** Ġiet innutata korrispondenza (Ref: 7895) minn Transport Malta fejn l-Awtorità qed tinfurmana li rċeviet applikkazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Triq Karmnu Zarb.

**32/05/06** Ġiet innutata korrispondenza minn Dr Mario Camilleri LL.D. għan-nom tal-klijenta tiegħu rigward talba għal *refund* peress li allegatament għamlet ħsara f'żewġ *tyres* tal-karozza waqt li kienet qed isuq fi Triq Santa Katerina fid-direzzjoni ta' Swieqi nhar is-27 ta' Jannar 2021. Il-Kunsill b'mod unanimu

qabel li ma hemmx evidenza biżżejjed u għalhekk ma jistax isir pagament.

**32/05/07** Ġiet innutata korrispondenza (Ref: 7870) minn Transport Malta fejn l-Awtorità qed tinfurmana li approvat Parkeġġ Riservat fi Triq San Ġwann.

**32/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 17 ta' Frar 2021).

**32/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 24 ta' Frar 2021).

**32/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 3 ta' Marzu 2021).

**32/05/11** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta fejn l-Awtorità ma approvatx li jsiru żewġ *Motor Cycle Bay* fi Triq il-Kbira.

**32/05/12** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta fejn l-Awtorità approvat *Motor Cycle Bay* fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa.

**32/05/13** Ġiet innutata korrispondenza (Ref: 7783) minn Transport Malta fejn l-Awtorità qed tinfurmana li l-applikkazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Triq 31 ta' Marzu ma ġietx milqugħa għax mhux inqas minn 50 metru l-bogħod hemm Parkeġġ Riservat li tista' tintuża minn kull min għandu l-Karta l-Blue.

**32/05/14** Ġiet innutata korrispondenza (Ref: 7965) minn Transport Malta fejn l-Awtorità qed tinfurmana li rċeviet applikkazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Sqaq Warda.

**32/05/15** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 10 ta' Marzu 2021).

**32/05/16** Fuq it-talba ta' resident għal tabella *No Heavy Vehicles* fi Triq il-Qiegħed. Is-Sur Abraham Aquilina, is-Sur Christopher Fenech u s-Sur Carl Grech qablu, waqt li Sa. Marilena Hassan qalet li ma taqbilx għax iktar tkun qed tħeġġeġ il-karozzi. Is-SE ser tordna t-tabella.

**32/05/17** Is-Sur Carl Grech ressaq li intawlu b'metru d-*double yellow line* fil-kantuniera ta' Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill qabel unanimament.

**32/05/18** Fuq it-talba ta' resident għal *bollards* fi Triq San Bartilmew jew *barriers* għax qed jagħmlu ħsara fil-bankina. Is-Sur Christopher Fenech qal li fejn hemm il-ħwienet, it-trakkijiet kbar qed jagħmlu ħsara fil-bankini. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li jekk isiru *bollards* jew *barriers* dawn ikerrħu l-ambjent. Kien hemm qbil unanimu li jekk hemm ħsara f'xi kaptelli dawn jinbidlu.

**32/05/19** Rigward ilment minn resident fuq *gutter* li hemm antik u ma huwiex qed ilaħħaq mal-ilma fi Triq il-Ġdida, Sqaq Numru 1. Ġie deċiż li ssir *site visit*.

**32/05/20** Fuq it-talba ta' resident għal *bollards* fi Triq San Bartilmew. Il-Kunsill ma laqax din it-talba u ġie deċiż li nerġgħu niżbgħu c-*central strip*.

**32/05/21** Fuq it-talba ta' resident għal bankina żgħira quddiem it-twieqi baxxi fi Sqaq Charlotte għax hemm *double yellow line* imma xorta qed jipparkjaw. Is-Sur Christopher Fenech qal li jekk isir bankina l-isqaq ħa jkompli jidjieq u meta jkun il-maltemp ir-residenti jerġa' jkollhom problemi tal-għargħar. Ġie deċiż li nerġgħu niżbgħu d-*double yellow line* u nagħtuh in-numru ta' telefon tal-għassa tal-pulizija.

**32/05/22** Fuq it-talba ta' resident biex issir tipo ta' *roundabout* fi Triq San Ġwann k/m Triq Mons. Luigi Catania. Kien hemm qbil unanimu li niktbu lil Transport Malta.

**32/05/23** Fuq it-talba ta' residenta għal żewġ qsari ħdejn il-*Bus Stop* fi Triq ix-Xwieki. Il-Kunsill qabel li nsaqsu lir-residenta jekk hiex lesta li tieħu ħsiebhom.

**32/05/24** Fuq it-talba ta' resident biex jitneħħew it-tabelli *No Entry* 6:00am-8:00am fi Triq Mons. Luigi Catania. Din il-kwistjoni ġiet diskussa iktar qabel.

**32/05/25** Fuq it-talba ta' resident biex Triq l-Isqof Gargallo tiġi *one-way*. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**32/06** **Konferma tal-membri tal-bord ta' evalwazzjoni tat-Tender - *Service tender for the collection of bulky refuse from the locality of Ħal Għargħur in an environmentally friendly manner***

**32/06** Ġie deċiż li l-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul minn Christopher Fenech bħala c-Chairperson, Helene Gauci, Abraham Aquilina u Carl Grech bħala evalwaturi kif ukoll Maria Tanti bħala Segretarju.

**32/07** **Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)**

**32/07/01** Il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għal Uffiċjal Eżekuttiv fuq bażi Full Time (Skala 13) back-to-back ma' Sinjorina Maria Tanti dan minħabba li s-Sinjura Maria-Elizabeth Azzopardi se tilħaq l-età tal-pensjoni fil-5 ta' Lulju 2021. Il-Kunsill għandu fondi biex iħallas s-salarju.

**32/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**32/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**32/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**32/09/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:40p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 21 t' April 2021 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**